**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' April 2024**

**<u>Rikors nru : 195/2019 AGV ;</u>**

**CF**

**vs**

**RF**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' CF li ppremettiet is-segwenti :-**

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wiehed (2001) hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala 'CF1'.

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, ossia A li twieldet fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) u Y illi twieled fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007), u li llum għandhom sbatax (17) u ħdax (11) -il sena rispettivament, it-tnejn minuri (ċertifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'CF2' u Dok. 'CF3' rispettivament).

3. Illi, sa mis-sena elfejn u wiehed (2001), il-partijiet, flimkien maż-żewġt uliedhom, kienu jirrisjedu f'fond appartenenti lill-missier l-esponenti ġewwa l-lokalita' ta' Marsaskala, b'dana illi fis-sena elfejn u ħmistax (2015) missier l-esponenti biegh l-istess fond u sussegwentament ghadda l-prezz rikuperat mill-bejgh lill-istess esponenti sabiex il-partijiet ikunu jistghu jakkwistaw u jmorru jabitaw kollha flimkien bħala familja ġewwa l-appartament bin-numru elf u erbgħa (1004) f'Pendergardens ġewwa San Ġiljan. Barra mill-flus li l-esponenti kienet inghatat minghand missierha mill-bejgħ tal-proprjeta' ġewwa Marsaskala, ittiehed ukoll 'loan' mill-bank f'isem iz-zewg partijiet sabiex ikunu jistgħu jħallsu parti mill-ammont għax-xiri tal-imsemmi appartament u jagħmlu dawk il-'finishings' kollha li kien hemm bżonn sabiex il-fond il-ġdid jiġi reż abitabbli għall-familja.

4. Illi minkejja li ittiehed dan il-'loan' mill-partijiet ghall-finishings, il-finishings li saru kienu jeccedu l-ammont li nghata bhala 'loan' u ghalhekk il-bqija thallsu minn omm l-esponenti. Omm l-esponenti hallset ukoll

ghall-*car space* li inxtara wara l-appartament u dan fl-ammont ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000).

5. Illi, kwazi immedjatament wara, il-ħajja konjugali ta' bejn il-partijiet ġiet reża impossibbli b'konsegwenza ta' liema ż-żwieġ tal-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli u dan minħabba raġunijiet li huma unikament imputabbli lill-intimat fost liema raġunijiet hemm, inter alia, adulterju u abbandun assolut tal-familja mill-istess intimat, u dan hekk kif ser jiġi ampjament ippruvat matul il-mori tal-proċeduri odjerni.

6. Illi matul dawn l-aħħar tlett (3) snin l-esponenti għamlet diversi tentattivi rikonċiljattivi bl-intenzjoni li ssalva ż-żwieġ tagħha mal-intimat u dan minkejja illi kienet skopriet diversi messaggi fuq il-*mobile* tal-intimat fejn kjarament kellu relazzjoni ma' mara ohra. Dan kollu in vista tal-fatt li l-esponenti saħansitra tagħat diversi opportunitajiet lill-intimat sabiex dan jirritorna lura għall-ħajja matrimonjali u biex jerġa' jibda jaqdi dmirijietu bħala missier, u dan minkejja li l-intimat fil-passat kien dejjem jaħrab mill-mistoqsijiet tal-esponenti billi jgħajjarha li kienet miġnuna u li dak li qiegħda takkuzah bih jinstab biss f'moħħha.

7. Illi, wara tali incident, il-partijiet kienu bdew jattendu sezzjonijiet ta' 'counselling' flimkien waqt liema sezzjonijiet l-intimat ammetta apertament li kien ikkommetta adulterju mal-istess terza persuna diversi drabi. F'dawn is-sezzjonijiet l-istess intimat tefa' r-responsabbilita' għat-tkissir taż-żwieġ tal-partijiet fuq l-isport tal-għawm li tipprattika A , bint il-partijiet, u dan minħabba li, skond il-missier, A  tipprattika dan l-isport b'mod frekwenti wisq.

8. Illi l-esponenti kienet lesta li tagħti ċans ieħor lill-intimat, iktar u iktar wara li dan kien, f'waħda mis-sezzjonijiet tal-'counselling' stqarr li r-relazzjoni adultera li kellu kienet intemmet u li kien raġel mibdul. Minkejja dan, għall-ħabta ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), l-intimat telaq mid-dar matrimonjali u minn dak inhar 'l quddiem beda juri diżinteress assolut f'dak kollu li jikkonċerna lill-uliedu, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri.

9. Illi, hlief għall-ħlas tal-miżata għall-isport tal-'basketball' li jipprattika Y, iben il-partijiet, nofs il-*maintenance fees* ta' Pendergardens, ammont wiehed ta' seba mitt Ewro (€700) ghal safra ghall-minuri A u ghal somma zghira li jikkontribwixxi fuq il-kont tad-dawl u ilma, l-intimat waqaf milli jikkontribwixxi finanzjarament għall-ħtiġijiet tal-familja u għal dak kollu li jirrigwarda lill-ulied il-partijiet, fosthom għal spejjeż li jikkonċernaw is-saħħa, l-edukazzjoni u kif ukoll l-attivitajiet extra-kurrikulari taz-zewgt minuri.

10. Illi ghalhekk prezentament, b' konsegwenza tas-surriferit l-esponenti ma kellha ebda ghazla oħra għajr li terfa' l-piż finanzjarju għall-manteniment u għal kwalunkwe spejjeż oħra rigwardanti ż-żewġt ulied waħedha.

11. Illi b'riżultat ta' dan l-esponenti ghaddiet minn zmien hazin fejn batiet psikologikament u fejn hi kellha tattendi għal-sezzjonijiet għand *Cognitive Behavioural Therapist*.

12. Illi minbarra dan, u b'mod sfortunat għall-aħħar, ulied il-partijiet wkoll qiegħdin isofru minn ħafna problemi kemm emozzjonali u kif ukoll psikoloġiċi minħabba dan il-komportament irresponsabbli da parti tal-

intimat fejn l-istess intimat iddistakka ruħu b'mod komplet minn ma' uliedu.

13. Illi minbarra dan, u bħala tentattiv finali rikonciljattiv, l-esponenti fetħet proċeduri ta' medjazzjoni kontra l-intimat sabiex dawn ikollhom possibilita' oħra li jiddiskutu s-sitwazzjoni ta' bejniethom, kif ukoll, u b'mod speċjali, sabiex jiġu diskussi u regolati b'mod formali dawk l-affarijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' ulied il-partijiet.

14. Illi l-imsemmija proċeduri ta' medjazzjoni ġew sussegwentament magħluqa minħabba nuqqas ta' qbil u persistenza ta' attitudni negattiva da parti tal-intimat f'dak li għandu x'jaqsam ma' komunikazzjoni, żjarat, u l-atteġġjament in ġenerali tiegħu fil-konfront taż-żewġt uliedu, A u Y.

15. Illi l-partijiet ġew awtorizzati sabiex jipproċedu b'kawża għas-separazzjoni personali permezz ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti nhar is-sittax (16) ta' Lulju elfejn u dsatax (2019), kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'CF4'.

16. Illi l-esponenti ma kellha ebda triq oħra għajr li tipproċedi kontra l-intimat permezz tal-preżenti kawża.

17. Illi l-esponenti taf bil-fatti suċċitati personalment.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti u għal dawk ir-raġunijiet kollha li jistgħu jirriżultaw matul l-andament tal-proċeduri odjerni, l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha :-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjugi F *ad mensa et thoro* għar-raġunijiet unikament imputabbli lill-intimat R F .

2. Tiddikjara illi l-intimat huwa unikament responsabbli għall-firda tal-partijiet u dan minħabba adulterju u/jew abbandun minnu kommessi ai termini tal-Artikolu 38 u/jew tal-Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili (Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta), u/jew għar-raġunijiet serji oħra aċċettabbli fil-liġi.

3. Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kollha kkontemplati fl-Artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili (Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta).

4. Tafda u tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri A u Y , aħwa F , għandha tkun esklussivament f'idejn l-esponenti filwaqt li tawtorizza lill-esponenti sabiex tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha rigwardanti l-minuri, inklużi wkoll deċiżjonijiet ta' saħħa u edukazzjoni, u kif ukoll sabiex tapplika u tottjeni waħedha l-ħruġ u/jew l-estensjoni ta' passaport tal-imsemmija minuri, u dan mingħajr il-ħtieġa tal-firma tal-intimat.

5. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tkompli tirrisjedi fid-dar matrimonjali, ossia l-appartament bin-numru 1004 f''Pendergardens' ġewwa San Ġiljan, flimkien maż-żewġt uliedha ad esklużjoni tal-intimat.

6. Tiffissa retta alimentari adegwata bħala manteniment għaż-żewġ minuri u tordna lill-intimat sabiex iħallas dik ir-retta alimentari hekk stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti, liema retta alimentari għandha tipprovdi

wkoll għall-awment perjodiku sabiex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja, u tordna li tali pagament da parti tal-intimat għandu jiġi eżegwit permezz ta 'standing order' direttament a favur tal-esponenti.

7. Tordna illi l-manteniment a favur tal-imsemmija minuri għandu jkompli jiġi mħallas mill-intimat sakemm dawn jagħlqu l-eta' ta' tmintax (18) -il sena, b'dan li jekk tali minuri jkomplu jistudjaw fuq bażi 'full-time' wara li jagħlqu tali eta', l-istess manteniment għandu jkompli jiġi mħallas mill-intimat sakemm huma jagħlqu l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm jispiċċaw l-istudji tagħhom, liema minnhom tiġi l-ewwel.

8. Tordna lill-intimat sabiex jikkontribwixxi għal nofs l-ispejjeż ta' dak kollu li għandu x'jaqsam mas-saħħa u mal-edukazzjoni ta' ulied il-partijiet, kif ukoll għal nofs l-ispejjeż tal-attivitajiet extra-kurrikulari, b'mod speċjali tal-isport tal-għawm li tipprattika A u tal-isport tal-'basketball' li jipprattika Y, u finalment tordna lill-intimat sabiex jagħmel tali kontribuzzjonijiet b'mod arretrat.

9. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tordna, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi maħtura għal dan l-iskop, li l-istess oġġetti, kemm mobbli u/jew immobbli, kif ukoll korporali u/jew inkorporali hekk kif jirriżultaw matul l-andament tal-kawża, appartenenti komunament għandhom jiġu diviżi f'żewġporzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti, u f'każ ta' qsim li ma jkunx ugwali, tassenja l-akbar porzjon lill-esponenti u l-porzjon rimanenti lill-intimat ħati tas-separazzjoni u dan ukoll bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet ravviżati mil-liġi.

10. Tillikwida u tassenja lill-esponenti dawk il-mobbli u/jew immobbli, l-assi u/jew krediti parafernali appartenenti lilha, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

Salv kull provvediment ulterjuri li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-proċeduri ta' medjazzjoni bin-numru 1371/18, u bl-imgħax legali kontra l-intimat li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta ta' RF** fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi huwa minnu illi l-partijiet izzewwgu fit-30 ta Gunju 2001 u ghandhom zewgt itfal, A u Y .

2. Illi mhuwiex minnu illi z-zwieg tkisser minhabba ragunijiet imputabbli lill-eccipjenti. Anzi z-zwieg tkisser unikament u purament minhabba l-azzjonijiet attrici li kien jammonta ghal abbuz verbali, emozzjonali u psikologiku fejn il-hin kollu kienet twaqghu ghac-cajt , tghajjru, tizzikah, tikkritikah, u tibbuljah. Illi huwa dejjem kellu l-volonta' li jwasslu bonarjament, izda l-attrici hlief ghajjat u agir abbuziv ma ghamlitx. Di fatti tant l-attrici hija abbuziva li tali agir taghha wassal sabiex ma tirnexxix il-medjazzjoni u l-eccipjenti kellu jintavola kawza, liema kawza giet intavolata fl-ismijiet RF vs CF (183/19 AGV) fil-25 ta' Lulju 2019.

3. Illi huwa minnu li frott li l-medjazzjoni ma rnexxitx ma hemm l-ebda digriet fuq manteniment u access izda huwa manteniment dejjem hallas kif ser jigi muri hawn taht. Huwa propju l-access fejn huwa problematiku u dana ghaliex l-attrici timla ulied il-partijiet kontra l-eccipjenti , tant li t-tfal stess joqghodu jirrekordjawh u jiffilmjawh waqt l-access u dan dejjem fuq ordni tal-attrici!!

4. Illi mhux minnu li l-attrici qabditu f'relazzjoni extra-matrimonjali. Huwa qatt ma ghamel adulterju jew kellu relazzjonijiet extra-matrimonjali meta kienu jghixu flimkien. Din hija hrafa li l-attrici qiedgha tghid sabiex tipprova tiggustifika l-kroll taz-zwieg. Il-verita' hija li z-zwieg spicca minhabba li l-attrici kienet il-hin kollu tissuggetah ghal sevizzi, ingurji mohqrija u vjolenza domestika. Vjolenza domestika kif wiehed jaf ben tajjeb mhijiex biss vjolenza fizika, izda tinkludi ukoll fi vjolenza verbali, psikologika u emozzjonali. Illi dan kollu kien soggett ghalih l-eccipjenti waqt li kien qieghed jghix taht is-saqaf matrimonjali. Tant li issa ormai tlett snin ilu huwa telaq mid-dar matrimonjali ghax ma felahx jibqa' jghix gewwa sitwazzjoni fejn kien qieghed jigi mjassar u mkisser verbalment, psikologikament u emozzjonalment.

5. Illi wara li telaq mid-dar matrimonjali huwa mar jghix mal-genituri tieghu -fejn ghadu jghix sal-lum. Illi huwa biss ricentament li huwa beda jiffrekwenta terza persuna – snin wara li huwa telaq mid-dar matrimonjali!! Illi meta l-attrici saret taf li huwa qieghed jiffrekwenta terza persuna bdiet issegwih u tghamillu stalking! Huwa skopra dan meta l-attrici stess bghatet emails b'ritratti tieghu ma' dina l-persuna lil missieru anzjan ta sebghin (70) sena speci biex tirrikatah u tbezza ragel anzjan fejn dan kien ixxukjat li ibnu qed jigi ssegwit. ( Ara **Dok A).** Sussegwentament l-eccipjenti skopra

li l-attrici kienet qieghda issegwih u tghamillu stalking b'mod regolari (ARA **Dok B**). Dan halla effett trawmatiku fuq l-eccipjenti tant li wassal lill-eccipjenti jibza johrog minn daru! Dan jkompli juri l-agir abbuziv u vjolenti tal-attrici tant li dawna l-esperjenzi kkagunawlu stress qawwi kif gie certifikat mit-tabib Chetcuti(**Dok C)** .

6. L-attrici qieghda tikkonvolgi lit-tfal fis-separazzjoni – tant illi tghidilhom u tinkoraggihom jirrekordjaw il-ftit drabi li jmorru jarawh!! Ghax issa wara l-istalking A , it-tifla l-kbira bilkemm qieghdha tmur tarah- tmur xi drabi l-Hamis ghal ftit sieghat u xi kultant xi tlett jew erba' sieghat l-Hadd, filwaqt li l-attrici taghmel minn kollox biex tiddiswadi lil Y milli jmur jarah. Fil-fatt minn mindu telaq mid-dar matrimonjali t-tfal qatt ma raqdu ghandu – u dana ghaliex jinghad hafna kliem kontrih mill-attrici. L-eccipjenti jaf dan ghax l-imgieba tat-tfal turi u fuq kollox jaf dan ghax l-attrici kienet tghajjar u tinsulenta u *she belitteled him* il-hin kollu quddiem it-tfal waqt li kienu jghixu flimkien- tant li t-tfal m'ghandhom l-ebda rispett lejh.

7. Mhux minnu kif jinghad fil-hames paragrafu l-attrici li huwa qatt ma ta manteniment minn mindu telaq mid-dar matrimonjali. Fil-fatt dana l-hames paragrafu huwa differenti mill-hames paragrafu b'gurament fir-rikors simili li gie intavolat fl-atti tal-medjazzjoni . Ghalhekk hawnhekk wiehed jara li l-attrici biddlet il-verzjoni taghha.

a. Meta gie sfurzat jitlaq mid-dar huwa baqa' jhallas il-kontijiet kollha tad-dawl u l-ilma tad-dar matrimonjali ( u dawn mhux ammonti zghar anzi ammonti kbar li qeghdin jizdiedu biz-zmien) u dan kif jixhdu d-dokumenti hawn annessi (**DOK D)** issa skopra ukoll li kamra minnhom gewwa d-dar

matrimonjali qieghda tinkera fuq Air BnB -Jigifieri huwa qieghed ihallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma ghal terz persuni ukoll li minnhom l-attrici qieghda taghmel qliegh!

b. Huwa baqa' jhallas fl-intir taghha il-*maintenance fee* tal-blokk Pendergardens, liema maintenance fee hija estremament gholja, kif jixhed dawn d-dokumenti hawn annessi (Dok E) . Illi kull sena hawa jhallas il-*maintenance fee* tal-blokk Pendergardens tghola kull sena. Di fatti fis-sena 2017 huwa hallas l-ammont ta Eur 1,931.64 f'*maintenance fee* kif ukoll hallas l-ammont ta' Eur 2,259.00 f'kontijiet tad-dawl u ilma. Illi dana l-ammont globali jammonta ghal Eur 4,190.64 fis-sena. Illi fis-sena 2018 huwa hallas l-ammont ta' Eur 1,090.00 f'*maintenance fee* (bl-ahhar pagament hallas biss nofs li hu dovut u dana ghaliex ma baqax jahdem *part-time* u ghalhekk il-finanzi marru iktar lura kif ser jigi spjegat iktar hawn taht). Izda huwa baqa' jhallas fil-intier tieghu l-kontijiet tad-dawl u ilma, ghas-sena 2018 huwa hallas Eur 1,290.09 f'kontijiet tad-dawl u ilma u ghalhekk ghas-sena 2018 huwa hallas globalment l-ammont ta Eur 2380.09 illi di piu' huwa jhallas il-loan mensilli ta' Eur 660.08 fix-xahar wahdu (u cioe' jhallas is-sehem tal-attrici ukoll), kif ukoll ihallas ic-cens ta' kull sena ta' EUR 132 fuq il-post. (Dok F).

c. L-attrici allegat li huwa waqaf milli jikkontribwixxi finanzjarjament ghal bzonnijiet ta' sahha u edukazzjoni. Illi kemm it-tifla tattendi l-Junior College u ghalhekk ma hemm l-ebda mizati (qabel kienet n-National Sports School li hija ukoll skola tal-Gvern u ma hemm l-ebda mizati). Illi t-tifel jattendi l-iskola St Elias li hija skola tal-Knisja. Illi huwa qatt ma nghata cirkolari jew dokument mill-iskola bl-ammont ta donazzjoni pretiza mill-iskola,allura kif jista' jhallas ammont minghajr ma jaf ezatt verament

x'inhu l-ammont?! Illi huwa beda jattendi l-iskola St Elias minn dina s-sena u ghalhekk m'ghandu l-ebda idea ta' donazzjonijiet. Ilii rigward kotba tal-iskola fiz-zwieg dawna dejjem thallsu purament mill-genituri taghha jew minnha (u dana ghax se jigi spjegat iktar hawn taht is-sistema tal-finanzi taghhom kienet separata) u ghalhekk meta gie sforzat jitlaq mid-dar huwa zamm l-istess metodu. Fil-fatt hija qatt ma talbet li jhallsu dawna. Illi hija dejjem bghatet l-ircevuti ta l-ARMS u tal-maintenance block sabiex ihallashom u ghalhekk kull spiza li hija riedet li huwa jhallas dejjem bghatitilu bil-posta (ghax il-kontijiet ovvjament jmorru gewwa d-dar matrimonjali). Illi bhala privatijiet t-tifla biss tattendi privat wiehed li gie msemmi fir-rikors. Illi huwa dejjem hallsu meta kien jircievi l-kontijiet, kif del resto dejjem ghamel. Fil-fatt huwa izda mhux talli ma rcevihomx izda minflok, f'Jannar ircieva dana r-rikors!! Fil-fatt huwa dejjem hallas in kontanti lill-attrici l-ammont ta' EUR 180 ghas-sena 2017 ( u dana ghaliex il-privat gie mibdi fl-ahhar tas-sena 2017) u l-ammont ta' EUR 790 ghas-sena 2018. Hija qalet illi huwa waqaf ihallas f'April 2018 izda dan mhux minnu. Huwa hallas is-segwenti pagamenti ghas-sena 2018, fit-3 ta' Frar 2018 hallas EUR 160; fis-9 ta' Frar 2018 huwa hallas EUR 160; fil-14 ta' April 2018 huwa hallas EUR 120 u fis-7 ta' Gunju 2018 huwa hallas EUR 350. Transport tal-iskola ma juzawhx. Illi di piu' meta t-tifla, A kellha bzonn laptop ghax kienet se tibda l-iskola Junior College, huwa mar qabad u xtralha laptop li jiswa EUR 808.95 (Dok G) . Dan ukoll parti mill-manteniment.

d. L-attrici insinwat li huwa hallas biss safra wahda ta' A u jhallas biss il-basketball ta' Y. Illi huwa ma hallas pagament wiehed fejn jidhol il-basketball ta' Y, izda dan jkun pagament wiehed fis-sena li jigi nformat bih u li huwa dejjem hallas. Fil-fatt ghas-sena 2016/2017 huwa hallas l-

ammont ta EUR 170 u ghas-sena 2017/2018 huwa hallas l-ammont EUR 200; u ghas-sena 2018/2019 u cioe' din s-sena huwa hallas l-ammont EUR 210 (Dok H), jigifieri b'kollox huwa diga' hallas EUR 580, cifra totalment differenti (u fuq tlett pagamenti) minn dik maghmula mill-attrici. Rigward is-safra ta' A, huwa minnu li huwa hallas wiehed biss, izda l-paga tieghu ma jippermettilux jhallas iktar. Is-safar l-iehor ta' A thallsu fil-fatt lanqas mill-attrici, izda mill-genituri taghha. Dan kien dejjem ukoll il-*modus operandi* waqt iz-zwieg.

8. Illi l-ammont fuq deskritt jammontaw ghal manteniment u kif **!** izda sabiex jinghad kollox, gie ssuggerit mill-eccipjenti illi minflok joqghod ihallas il-kontijiet , huwa jhallas mitejn EWRO (€200) ghal kull wild kull xahar oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni. Izda minflok, l-eccipjenti gie rinfaccajt bir-rikors odjern! Huwa lest li jhallas mitejn Ewro (€200) fix-xahar ghal kull wild oltre nofs l-ispejjez ta edukazzjoni u sahha.

9. Illi huwa dejjem hallas u kkontribwixxa minn mindu gie sforzat jitlaq mid-dar, minkejja l-paga tieghu. Fil-fatt meta telaq mid-dar huwa mar jghix lura ghand il-genituri anzjani tieghu, ghax ma kellux introjtu bizzejjed biex jikri. Ili huwa ma jridx ikun ta' piz fuq il-genituri tieghu u ghalhekk jghati l-kontribut tieghu, avolja mhux hafna izda ma jixtieqx joqghod jiekol mill-pensjoni tal-genituri tieghu.

10. Illi l-paga tal-eccipjenti hija ferm baxxa minn dik tal-mara:-

a. Ghas-sena 2016 huwa qala paga grossa ta **EUR 21,665** ( Bill-part-time li issa waqqaf), mentri l-paga grossa tal-attrici kienet ta **EUR 25,168.9,** jigifieri hija qalet €3,503.399 iktar minnu.

b. Ghas-sena 2017 huwa qala paga grossa ta **EUR 22,274** (bil-part-time li issa waqqaf) mentri l-paga grossa tal-attrici kienet ta **EUR25, 957.59, jigifieri hija qalghet €3,683.59 iktar minnu.**

c. Ghas-sena 2018 huwqa qala paga grossa ta' Eur 22,422.31 ( bil-part-time li issa waqqaf) , mentri l-paga grossa tal-attrici sa Ottubru 2018 ( ghaliex ma prezentatx l-introjtu shih tas-sena 2018???) kienet ta EUR 25,251.58 jigifieri anke sa Ottubru hija kienet aktar minnu!!

Illi l-mara kienet inveritiera fid-dhul taghha. Id-dhul taghha mhuwiex biss dak li gie pprezentat, izda hija regolarment tikri l-kamra tas-sodda matrimonjali (filwaqt li hi torqod fl-ispare bedroom) lil persuni barranin permezz ta' Air BnB. Illi ovvjament dawn il-persuni barranin juzaw id-dawl u l-ilma, liema dawl u ilma qieghed ihallas ghalihom l-eccipjenti!

11. Illi anke l-ispejjez attrici zdiedu minn rikors ghall-iehor! Fl-ewwel rikors l-attrici prezentat bhala spejjez ic-cifra ta' Eur 960 fix-xahar ghaz-zewgt ulied, ossia l-ammont ta' EUR 480 ghal kull wild, issa tali ammont zdied ghal EUR 1,000 u cioe' EUR 500 ghal kull wild. Illi maqsuma fin-nofs tigi EUR 250. Illi huwa ma jaqbilx ma' dawn l-ammonti. Fil-fatt pocket money ta' EUR 80 fix-xahar huma eccessivi u ma kienux jezistu meta kienu qedghin jghixu taht saqaf matrimonjali, Illi di piu' A ghandha stipendju. Dan jkompli juri li l-attrici trid tghakkes lill-konvenut. Lanqas id-diesel mhuwiex minnu ghax l-attivitajiet kollha li ghandhom il-minuri huma F'San Giljan! Fil-fatt l-iskuza biex imorru jghixu Pendergardens kienet propju ghax vicin ghall-attivitajiet tat-tfal- avolja kellhom jissellfu mill-genituri u mill-bank ghax ma kienux jaffordjaw jghixu hemmhekk. Tenut kont illi l-paga tieghu hija ferm inqas minn tal-attrici, huwa minn dejjem

kien dispost ihallas EUR200 ghal kull wild oltre nofs l-edukazzjoni u s-sahha u ghalhekk dana li qieghed jigi premess mill-eccipjenti huwa wiehed ragonevoli fic-cirkostanzi.

12. Illi r-raba' talba ma tghamilx sens cioe' li jigi ordnat ihallas l-ispejjez kollha inkorsi mal-edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari meta huwa diga' hallas meta gie mitlub u nghata ricevuta! Illi kif diga' inghad hawn fuq privatijiet hallas u anke attivitajiet extra-kurrikulari hallas. Safra huwa minnu li hallas wahda biss, izda dak biss jaffordja. A ssiefer tas-spiss u dawn s-safriet jitilghu mal-eluf huwa ma jaffordjax u fil-fatt dan kien ukoll wiehed mill-glied li kien ikollhom fil-hajja mizzewwga. Fil-fatt is-safriet ta' A  dejjem kienu gew imhallsa mill-attrici hlief ghal xi uhud. Illi in oltre lanqas prova ma ngabet fuq l-ispejjez u ghalhekk f'nuqqas ta' provi (apparti li legalment sakemm ma kienx hemm digriet jitlob fuq spejjez dawna ma jistghux jintalbu bis-sena lura), ghandha tigi michuda. Huwa dejjem hallas ghall-attivitajiet extra-kurrikulari ta' Y li kien il-basketball (ihallas fl-intier tieghu hu) u dana ghaliex l-ispejjez huma ragonevoli. Izda l-isports tal-ghawm ta' A huwa sport kompetitiv u qiedghda fit-tim Nazzjonali. Issiefru kemm il-darba ghal kompetizzjonijiet u dawna s-safriet u anke l-lezzjonijiet huma eluf ta' Ewro. Fuq il-paga li ghandu ma jaffordjax u qatt ma kien jaffordja. Fil-fatt dan dejjem kien il-ftehim li huwa qatt ma jhallas ghal A , izda jhallas ghal Y. Dana l-ftehim m'ghandhux jigi mibdul minhabba li issa sseparaw.

Ghaldaqstant huwa qieghed jeccipixxi lil din Onorabbli Qorti sabiex:-

1) Rigward l-ewwel talba attrici tiffissa manteniment mensili ghal kull wild fl-ammont ta' EUR 200 oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u s-sahha.

2) Rigward it-tieni talba attrici, l-eccipjenti jixtieq li jara lil uliedu darbtejn fil-gimgha oltre' sleepover fil-weekend fil-modalita' li jidrilha xierqa dina l-Onorabbli Qorti.
3) Rigward it-tielet talba attrici tordna li l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, fil-waqt li jigi ordnat illi l-ispejjez inkorsi mal-basketball tal-minuri Y jibqghu jithallsu mill-eccipjenti, fil-waqt li l-ispejjez inkorsi mal-ghawm tal-minuri A jibqghu jithallsu mill-attrici.
4) Tichad ir-raba' talba attrici ghal ragunijiet fuq premessi.

Peress li dina l-kawza mixja konguntivament mal-kawza fl-ismijiet inversi **Rik Nru.183/19 fl-ismijiet RF vs CF** l-fatti u konsiderazzjonijiet fl-istess kawza japplikaw ghal dina l-kawza ukoll.

**<u>DECIDE</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi :-

1.Tilqa' l-ewwel talba attrici *in parte* kif fuq imfisser.

2.Tilqa' t-tieni talba attrici peress li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju.

3.Tilqa' t-tielet talba attrici fil-konfront tal-konvenut.

4.Tilqa' r-raba' talba attrici.

5.Tilqa' l-hames talba attrici.

6.Tilqa’ s-sitt talba attrici skond kif imfisser fl-intestatura “Manteniment .“

7.Tilqa’ s-seba’ talba kif fuq imfisser fl-intestatura « manteniment .»

8.Tilqa’ t-tmien talba attrici kif fuq imfisser fl-intestatura «Manteniment. »

9.Tilqa’ d-disa’ talba attrici u tassenja u tillikwida l-istess komunjoni skond kif fuq imfisser.

10.Tilqa’ l-ghaxar talba attrici u tordna li jigu assenjati dawk l-assi parafernali lill-attrici sa fejn applikabbli.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu tlitt kwarti (¾) mill-konvenut u kwart (¼) mill-attrici.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**